MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2009

Numru. 471/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND J BORG**

**KONTRA**

**JOSEPH COLEIRO ta' 53 sena, iben Anthony u Caruana nee' Coreschi, imwieled is-Siggiewi nhar id-19 ta' Gunju, 1956, residenti fil-fond 11, Benjo, Triq in-Nirien, Siggiewi, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 417856M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **JOSEPH COLEIRO** li gie akkuzat talli fis-Siggiewi nhar l-24 ta' April, 2004 u/jew fil-jiem ta' qabel:

1. Zamm kelb minghajr ma kien licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija;

2. U aktar talli ma hax hsieb l-imsemmi kelb u attakka lil Justin Schembri u kkagunalu feriti ta’ natura gravi skond kif iccertifika Dr Cachia Mercieca ta’ l-Isptar San Luqa.

Rat li in kwantu Joseph Coleiro gie addebitat akkkuzi ta’ griehi ta’ natura gravi, allura din il-kawza li bdiet bhala wahda distrettwali spiccat bhala kumpilazzjoni li giet reza sommarja bil-kunsens ghaldaqstant ta’ l-Avukat Generali (vide folio 38).

Rat illi maghmul id-debita nterrogatorju Joseph Camilleri wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji (folio 6).

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirregwarda incident fejn kelb, proprjeta’ ta’ Joseph Camilleri, gidem u fera tifel ta’ tnax(12)-il sena, certu Justin Schembri, habib ta’ iben Coleiro, Claudio Coleiro. Waqt dan l-incident iz-zewgt itfal kienu d-dar ta’ Coleiro jilaghbu bil-*computer*.

Rizultat ta’ dan il-gdim, ghax Justin fi kliemu gie attakkat mill-kelb darbtejn, huwa ttiehed l-Isptar. Wara ezami mediku Dr Cecilia Farrugia ccertifikat li Justin Schembri kien qieghed ibaghti minn griehi ta’ natura gravi. Aktar tard Dr Cachia, issa Mercieca, *viva voce* ddeponiet li l-griehi sofferti minn Justin Schembri kienu gravi per durata ghaliex il-griehi ‘……*kienu fondi u ma kinux ser jaghlqu wahidhom.’* Folio 27.

Qalet, anzi hasbet, illi l-griehi riedu madwar tletin gurnata biex ifiequ. (*ibid*)

Pero migjub jixhed Dr John Cutajar in rapprezentanza tas-Supritendent ta’ l-Isptar, darba li ra l-*file* tal-minuri

Schembri, qal illi l-griehi sofferti minn Justin Schembri kienu superficjali jigifieri kienu *slight* (folio 49).

Illi minn naha tieghu Justin Schembri spjega kif darba li mar ghand il-habib tieghu Claudio Coleiro biex jinstallalu xi loghob fuq il-*computer*, dahal ghandu, pero l-kelb proprjeta' tal-familja Coleiro kien maqful. Xi hin bla spjegazzjoni dan il-kelb spicca hdejhom idur ma' saqajhom. Skond il-minuri gidmu ghalxejn x'hin beda jimxi normali. Gie mehud fil-garaxx, akkumpanjat minn adulti membri tal-familja ta' Coleiro, u bla spjegazzjoni dan il-kelb irnexxielu anke jidhol fil-garaxx u hawn rega' gidmu issa f'idejh.

Minn naha tieghu Claudio Coleiro spjega li kienu huma l-minuri li dahhlu l-kelb minn fejn kien maghluq biex jilaghbu mieghu. Skond il-minuri l-kelb kien maghluq fil-gardina. Jghid Claudio Coleiro li l-kelb qabad jghajjat u siehbu (allura Justin) talbu biex idahhluh u jilaghbu mieghu. Fethulu u l-kelb dahal jilghab maghhom. Qal illi mbaghad gidem lil Justin ghaliex dan beda jittantah bis-sieq. Qal illi darba li l-kelb attakka lil Justin fil-garaxx, dan gara ghaliex Justin beda jaghtieh bis-sieq biex jitlaq minn hdejh. Claudio Coleiro xehed ukoll illi f'dan l-incident kemm ommu kif ukoll missier ma kinux id-dar.

L-imputat ghazel li jixhed fil-mori tal-kawza. Xehed illi l-kelb in kwistjoni kien *pit bull*. Dakinhar ta' l-incident kien il-kazin. Qal illi hu kien izomm dan il-kelb maghluq fil-gardina, go gallinar li ddeskriva bhala kamra. Sar jaf bl-incident ghax cemplulu. Qal illi l-kelb ma kinx registrat. Spjega, ghad-dispjacir totali tal-Qorti, li darba li sar jaf bl-incident, qatel lill-kelb b'daqqqa ta' njama u ramieh. Kellu ragun l-Avukat Difensur f'dan l-istadju li jikkummenta li Joseph Coleiro ma kinx addebitat b'dawn it-tip ta' akkuzi – <u>frankament hawn naqset fil-fehma ta' din il-Qorti l-Prosekuzzjoni fl-investigazzjonijiet taghha dwar dan il-kaz.</u>

Ikkunsidrat:

Illi certament l-akkuzi addebitati lil Joseph Coleiro li ma hax hsieb il-kelb minn imkien ma gew ippruvati. Skond l-

imputat u ibnu, il-kelb kien imsakkar. Justin Schembri minn naha tieghu jaghti l-impressjoni li l-kelb filli ma kienx fid-dar maghhom, umbaghad waqa' mis-sema u spicca fil-kuritur maghhom. Jirrizulta wkoll illi Coleiro lanqas biss kien prezenti waqt dan l-incident. Illi minn imkien fil-fatt ma jirrizulta li Joseph Coleiro ma hax hsieb il-kelb tant illi b'tali nuqqas il-kelb gidem il-minuri. In-nuqqas ta' Coleiro kien fil-fatt il-mod krudili u inuman li hu qatel il-kelb – jekk vera juri biss injoranza grossa minn naha tieghu. Illi ta' dan certament ghandu jwiegeb is-Sur Joseph Coleiro.

Issib lil Jospeh Coleiro hati ta' biss l-ewwel(1) imputazzjoni, u dan wara li rat l-Artikoli 3 u 17 tal-Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkudannah ghall-ammenda fl-ammont ta' €11.65 (hdax-il Ewro u hamsa u sittin centezmu);
Fil-kumplament tilliberah mill-akkuza ta' griehi garvi ghax ma gietx ippruvata fis-sens illi ma giex ippruvat li Joseph Coleiro naqas li jiehu hsieb il-kelb minnu mizmum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------